# Kunsill Lokali Birzebbuga

## Rapport Annwali Amministrattiv

**Jannar – Dicembru 2017**

Il-Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | Il-Kunsill | 2 |
| 2.0 | Il-Finanzi u Il-Ħidma tal-Kunsill | 6 |
| 3.0 | Il-Varjazzjoni fid-Dħul u fl-Infiq | 14 |

# 1.0 Il-Kunsill

### 1.1 Il-Membri tal-Kunsill

Il-Kunsill ta Birzebbuga huma magħmul minn 7 Kunsilliera, b'Sindku u Viċi Sindku eletti demokratikament mill-poplu ta Birzebbuga

Matul is-sena 2017, saru żewġ kambjamenti fil-kompiżizzjoni tal-Kunsill. F'Jannar, permezz ta co-option, inħatar il-Kunsillier Sandro Alexander Caruana, sabiex b'hekk imtela l-post battal, riżultant mir-riżenja tas-Sur Kevin Barun lejn l-aħħar tas-sena 2016. Eżattament fit-23 ta' Ġunju, irriżenja is-Sur Hermann Schiavone, li kien jokkupa il-kariga ta' kunsillier. Dan sara wara li s-Sur Schiavone inħatar Membru Parlamentari fl-elezzjonijiet ġenerali. Is-siġġu battal tas-Sur Schiavone imtela mis-Sur Johann Borg, permezz ta' by-election,.

Il-Membri fis-7 Kunsill fl-aħħar tas-sena 2017, huma:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Cutajar | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Josette Busuttil | Kunsilliera |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana | Kunsillier |
| Ing. Stanley Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

### 1.2 Il-Kumitati / Sottokumitati

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-kumitati u s-Sotto-kumitati mwaqqfa f'dan is-sebgħa Kunsill, huma diversi u għandhom dawn il-Kunsilliera bil-karigi u l-funzjonijiet tagħhom:

**Kumitat Finanzi**

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Sur Joseph Cutajar |
| Dep. Chairperson: | Sur Joseph Baldacchino |
| Membru: | Sjra Josepha Busuttil |
| Membru: | Sur Sandro Alexander Caruana |
| Membru: | Sur Svetlick Flores |
| Accountant: | Sjr Doreen Mintoff |

**Kumitat Kuntratti**

| | |
|---|---|
| Chairperson: | Sur Joseph Cutajar |
| Dep. Chairperson: | Sur Joseph Baldacchino |

Membru: Sjra Leanne Grech
Membru: Sur Johann Borg

**Kumitat Proġetti Infrastrutturali**
Chairperson: Sur Joseph Cutajar
Dep. Chairperson: Sur Joseph Cutajar
Membru: Ing Stanley Zammit

## 1.3 Id-Delegi u Responsabiltajiet

Kull Kunsillier għandu fir-responsabiltajiet tiegħu numru ta oqsma relatat mal-funzjonijiet tal-Gvern Lokali. Din is-sena, il-Kunsill intorduċa fejn kull kunsillier, ikollu numru ta' Kunsillieri oħra jassistuħ fid-delegi, u dan bil-għan li tiżdied u titħaffef il-komunikazzjoni. Is-Sindku jassisti lili kull kunsillier (ex-ufficio)

**Sindku – Joseph Cutajar:** Relazzjonijiet (Residenti u Media), Relazzjonijiet Internazzjnali, Attivitajiet kollettivi tar-raħal.

**Viċi Sindku, Joseph Baldacchino:** Anzjani, Ambjent Indafa u Tisbiħ, Relazzjonijiet mal-Water Services, Bye-laws, Attivitajiet u facilitajiet sportivi, Relazzjonijiet Pubbliċi.
*Assistit minn: Johann Borg, Leanne Grech*

**Kunsilliera Leanne Grech:** Edukazzjoni u Żagħżagħ, Kultura u Wirt Storiku, Fondi Ewropew, Magazine tal-Kunsill, Għaqdiet
*Assistita minn: Joe Baldacchino, Johann Borg.*

**Kunsillier Josette Busuttil:** Attivitajiet, Qasam u Servizzi Soċjali, Kwalita u Drittijiet tal-Ġeneru, Inklużjoni u Aċċessibilta.
*Assistit minn: Sandro Alexander Caruana, Leanne Grech*

**Kunsillier Sandro Alexander Caruana:**,Protezzjoni Ċivili, Widien, Turiżmu, Animal Welfare, Saħa u Sigurta'.
*Assistit minn: Stanley Zammit, Josette Busuttil*

**Kunsillier Johann Borg:** Komunità Kummerċjali, Trasport Pubbliku u Traffiku,
*Assistit minn: Josette Busuttil, Leanne Grech*

**Kunsillier Stanley Zammit:** Dawl, Riċerka u Żvilupp Sostenibbli, Infurzar u Ordni Pubblika, Traffiku.
*Assistita minn: Joe Baldacchino, Johann Borg.*

## 1.4 Laqgħat tal-Kunsill u Attendenza

Bejn l-1 ta Jannar 2017 u l-31 ta’ Diċembru 2017 , inżammu tlettax il-laqgħa tas-Seba’ Kunsill, bl-attendenza tkun kif inhi hawn taħt:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Skużati | Assenti | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Joe Cutajar | 13 | 11 | 2 | 0 | 84.6 |
| Joseph Baldacchino | 13 | 13 | 0 | 0 | 100 |
| Leanne Grech | 13 | 12 | 1 | 0 | 92.3 |
| Josette Busuttil | 13 | 13 | 0 | 0 | 100 |
| Sandro Alexander Caruana | 13 | 13 | 0 | 0 | 100 |
| Herman Schiavone | 7 | 6 | 0 | 1 | 85.7 |
| Stanley Zammit | 13 | 13 | 0 | 0 | 100 |
| Johann Borg | 6 | 5 | 1 | 0 | 83.3 |

## 1.5 Laqgħat Oħra

Matul is-sena inżammu diversi laqgħat ma' Ministri u Diretturi ta' Dipartimenti Governattivi dwar xogħolijiet u proġetti konnessi mal-lokalita' tal-Birzebbuga. Fost dawn insibu l-ammont konsiderevoli ta’ laqgħat mal-Grand Harbour Regeneration Corporation (GHRC) li irrigwardjaw proġett ta Riġenerazzjoni tal-lokalita’. Saru wkoll laqgħat ma’ Transport Malta, fejn ġew diskussi materji li jirrigwardjaw it-traffiku fil-lokalita’, u mal-LESA u mal-Pulizija, sabiex jiġi diskuss is-sigurta’ fil-lokalita. Il-Kunsill attenda l-laqgħat regolari tar-Reġjun Nofsinhar, GalXLOKK, u tal- Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Inżammu diversi laqgħat ukoll ma rappreżentanti mill-MTA, u minn Heritage Malta.

Saru ukoll diversi laqgħat li jirrigwardjaw proġetti partikolari, fostom mal-Ufficju tal-Presidenti sabiex b’hekk issa ser isisr il-proġett tal-Skatepark fil-Bajja s-Sabiħa, laqgħat relatati mal-proġett tal-Prominad tal-Qajjenza, Mal-V18 li trattaw diversi proġetti f’Birżebbuga fostom Design4DCity, kif ukoll laqgħat li jitrattaw xogħolijiet minn entitajiet oħra fil-lokalita’.

Il-Kunsill iltaqa ukoll ma diversi Ministri u Segreatarji Parlamentai sabiex jiddiskuti temi varji. Fostom insibu l-Onor Owen Bonniċi, l-ex-Ministru Stefan Buontemp, l-Onor. Deo Debattista, l-Onor Julia Farrugia, u l-Onor. Silvio Parnis.

Il-Kunsill kien attiv ukoll fl-Environment Monitoring Commitee tal-Freeport sabiex jiddiskuti materji ambjentali li jaffetwaw lir-residenti, kif ukoll attiv mal-Planning Authority, fejn dejjem jgħati u jattendi għal diversi seduti, li jkun hemm dwar applikazjonijiet ta’ nteress għal-lokalita’.

Saru Laqgħat ukoll ma rappreżentanti ta diversi għaqdiet tal-lokal.

## 1.6 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

**L-Ufficju Amministrattiv**

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabiltajiet kollha skont l-Att XV ta' l- 1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Svetlick Flores | Segretarju Eżekuttiv (Minn Awissu) |
| Is-Sinjura Stephanie Aloisio | Amministrazzjoni |
| Is-Sinjura Simone Fenech | Attivitajiet u Relazzjoni mar-Residenti |
| Is-Sinjura Eleanor Manicaro | Finanzi |
| Is-Sinjura Gloria Abela | Relazzjoni mar-Residenti |
| Is-Sinjorina Kim Fenech | Relazzjoni mar-Residenti |

**Ħaddiema ssekondati u assenjati**

Matul is-sena 2017, il-ħaddiema ssekondati kienu:

Is-Sur Raymond Vella - Resource Support and Services Ltd
Is-Sur Martin Falzon - Resource Support and Services Ltd
Is-Sur Peter Briffa – Ministeru tal-Infrastruttura

Din is-sena ukoll, permezz ta skema mħaddma mid-District Operations Ltd, u mill Jobs Plus, kellna servizz minn 8 persuni oħra, li jagħmlu xogħol ta tindif u manutenzjoni madwar il-lokalita.

Is-Sur Francis Cassar
Is-Sur Henry Zahra
Is-Sur Vincent Mackintyre
Is-Sur Bartolomeo Portelli
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Frans Zammit
Is-Sur Stephen Magro
Is-Sur Patrick Bugeja

# 2.0 Il-Finanzi u Il-Ħidma tal-Kunsill

## 2.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

**ID-DĦUL**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2017 kienet ta: | € 698,091 |
| Dhul Iehor mill-gvern | € 107,107 |
| ***Dhul minn Bye-laws*** | |
| Ksur ta Bye-Laws u Kontravvenzjonijiet | € 9,489 |
| ***Dhul minn Investiment*** | |
| Imgħax | € 118 |
| ***Dhul Ġenerali*** | |
| Gerali | € 30,423 |
| **Dhul Totali għas-Sena 2017** | **€845,228** |

**L-INFIQ**

***Salarji, b'total ta €138,083***

| | |
|---|---|
| L-Onorarju tas-Sindku u Koncessjonijiet | € 12,618 |
| Paga tas Segretarju Ezekuttiv | € 31,957 |
| Pagi ta' l-Impjegati | € 76,933 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali | € 9,461 |
| Koncessjonijiet | € 7,114 |

***Manutenzjoni u Xogħolijiet, b'total ta €35,194***

| | |
|---|---|
| Tiswija ta Propjeta Pubblika | € 7004 |
| Tiswija ta Toroq u Bankini | € 1,837 |
| Tabelli | € 4,571 |
| Sinjali tat-traffiku | € 2,114 |
| Manutenzjoni fuq asfaltar | € 12,661 |
| Ghamara u Apparat | € 30 |
| Tgħamir u Apparat | € 474 |
| Tiswija tal-Vettura | € 190 |
| Tiswija Oħra | € 5,252 |
| Propjeta tal-Kunsill | € 1,061 |

***Spejjez Kuntrattwali, b'total ta € 240,631***

| | |
|---|---|
| Tnehijja ta' skart | € 56,336 |
| Gbir ta' skart | € 73,507 |
| Gbir ta' skart goff | € 4,126 |
| Tindif | € 60 |
| Tindif ta' toroq | € 26,357 |
| Tindif u manutenzjoni - toroq mhux urbani | € 410 |
| Tindif ta' latrini pubblici | € 33,035 |
| Tindif ta' l-ufficini tal-kunsill | € 3,128 |
| Kuntratti Ohra | €15,554 |
| Tindif u manutenzjoni gonna pubblici | € 17,271 |
| Tindif u manutenzjoni - Bajjiet u xtut. | € 0 |
| Id-dwal fit-toroq | € 10,197 |
| Esperti | € 644 |
| Infurzar Lokali | € 6 |

***Amministrazzjoni u Spejjez Ohra, b'total ta €282,472***

| | |
|---|---|
| Utilitajiet U servizzi | € 5,851 |
| Manutenzjoni | € 5,220 |
| Kera | € 6,164 |
| Memberships | |
| Servizza tal-Uffiċju | € 12,306 |
| Trasport | € 21,275 |
| Safar | |
| Servizzi ta Informazzjon | € 3,217 |
| Kiri ta' taghmir | € 181 |
| Polza ta' Assigurazzjoni | € 2,312 |
| Spejjez Bankarji | € 87 |
| Servizzi Professjonali | € 10,996 |
| Tahrig | € 50 |
| Entertainment | |
| Serizzi ta Ospitalita | € 1,818 |
| Attivitajiet Socjali | € 4,218 |
| Attivitajiet Kulturali | €14,260 |
| Servizzi Komunitarji | |
| Spejjez Generali | |
| Apparat *Written off* | € 502 |
| *Provizjoni ta LES Receivables* | (€ 931) |
| Ammortisazzjoni | € 764 |
| Deprezzament tal-Assi | *€ 194,182* |

| | |
|---|---|
| **Spejjez Totali għas-Sena 2017** | **€ 696,280** |

| | |
|---|---|
| **Profitt Għas-sena 2017** | **€ 148,848** |

## 2.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

### Ħidma Finanzjarja

Fis-sena 2017, il-Kunsill kompla jsegwi l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ma jagħmilx proġetti kapitali, sabiex inaqqas in-nefqa tiegħu u b'hekk jirkupra finanzjarjament.

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex ikompli jirregola l-ispiża rikorrenti tal-Kunsill, u fl-istess waqt ħadem biex iżid id-dħul tiegħu. Grazzi għal dawn il-miżuri, kif ukoll grazzi għaż-żieda fl-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill jinsab sodisfatt ferm li sal-aħħar tas-sena 2017 huwa stmat li l-Kunsill ikun irkupra mid-dejn kollu, kif ukoll ikollu *surplus*. Din se tkun iċ-ċavetta sabiex il-Kunsill jiġi rilaxxat mill-istruzzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, u b'hekk jerġa' jingrana l-mutur fejn jidħlu xogħlijiet u proġetti.

### Ħidma fil-Qasam tat Tindif u Tisbiħ Ġenerali u Manutenzjoni

Matul din is-sena, il-Kunsill xorta kompla u ra kif għamel sabiex ikompli bil-manutenzjoni neċessarja. Il-Kunsill ħadem permezz tal-ħaddiema assenjati lilu sabiex il-manutenzjoni ma tiqafx, anke jekk bi spiża inqas. Dawn jinkludu manutenzjoni fuq l-għamara tat-triq, *railings* u bankijiet, propjetajiet u ġonna pubbliċi, u kull tip ta għamara oħra, sabiex il-lokalità tkun dejjem fl-aħjar stat. Permezz ta' dawn il-ħaddiema, saru xogħlijiet ta' tindif kontinwament, speċjalment fiż-żoni rurali.

Matul din is-sena l-Kunsill investa f'kontenituri ta' skart ġodda, b'żieda ma' dawk li kien hemm, u anke fis-senjalazzjoni tat-traffiku; li jinkludi żebgħa tat-triq u tabelli, kif ukoll f'għamara tat-triq ġdida. Sar investiment ukoll f'numru ta' pjanti, u siġar, biex b'hekk inkomplu inħaddru l-lokalità, kif ukoll fi dwal ġodda tat-toroq.

Ta' min jgħid li parti sostanzjali mill-allokazzjoni tal-Kunsill tiġi ddedikata sabiex jingħataw is-servizzi minn diversi kuntratturi privati, bħal dak ta' ġbir ta' skart domestiku, ġbir ta' skart goff, servizz ta' knis u tindif taż-żoni urbani, u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq.

Saru diversi proġetti ta' manutenzjoni madwar il-lokalità, fosthom miljorament fis-*soft area* ta' Triq Arturo Issel, il-Qajjenza, u rranġar ta' diversi ħitan tas-*soft areas.*

### Ħidma fil-Qasam tat-Edukazzjoni u Żgħażagħ

Il-Kunsill investa ukoll fil-librerija tal-lokalità, billi ssupplixxa numru ta' kotba ġodda, kif ukoll kopra l-ispejjeż għal twaħħil ta' arja kkundizzjonata.

Il-Kunsill ħadem id f'id mas-sezzjoni tal-Lifelong Learning, fejn ġew organizzati numru ta' korsijiet għall-adulti għat-tieni sena konsekuttiva.

Il-Kunsill ħaseb ukoll sabiex jintroduċi premju innovattiv, fejn waqt Jum il-Premjazzjoni ta' l-iskola primarja, ingħataw premijiet lill-istudenti li għamlu progress konsidererevoli fl-istudji tagħhom matul is-sena skolastika.

Għall-ewwel darba, il-Kunsill ħa ħsieb li jiġi organizzat ukoll il-kors tant popolari Għaqal id-Dar. Dan sar ġewwa l-iskola Primarja tal-Lokalità, u li l-attendenza tiegħu kienet waħda tajba ħafna.

**Ħidma fil-Qasam Kulturali, u Attivitajiet**

Il-Kunsill ħa ħsieb li ta' kull xahar jiġu organizzati ħarġiet kulturali għar-residenti fosthom ħargiet fir-Razzett tal-Markiż, Dar il-Mediterran, Malta Experience Show, visti tal-Ġimgħa l-Kbira u purċissjonijiet, Forti Sant' Anġlu, mawra sal-fiera, Malta International Food Festival, ġranet Għawdex, Notte Bioanca, Birgu by Candle Light, Lejl f'Casal Fornaio u r-Roman Villa. Saru wkoll ikliet f'okkażjonijiet varji fosthom Jum l-Omm, Jum il-Missier, San Valentinu, u Barbecues.

Il-Kunsill organizza numru ta' attivitajiet fil-lokalità, fosthom il-Karnival f'Birżebbuġa, u l-attività Regatta f'Birżebbuġa, li kienet l-ewwel edizzjoni u hija l-intenzjoni tal-Kunsill li ssir parti mill-kalendarju kultarali nazzjonali, kif ukoll il-kunċert Joys of Gospel. Apparti dawn, il-Kunsill ippareteċipa ukoll f'numru ta' attivitajiet oħra matul is-sena, bħall-Għanafest u ċ-Chinese Film Festival, li nżammu fil-Bajja s-Sabiħa, f'Birżebbuġa, u l-Gloria Festival li inżamm fil-Knisja.

Il-Kunsill tella' wkoll l-attività Jum Birżebbuġa. Din saret f'Novembru, u kienet tinkludi quddiesa ta' ringrazzjament ġewwa l-Parroċċa San Pietru fil-Ktajjen , u wara sar korteo sal-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa. Hemm ġiet imtella' attività ta' kommemorazzjoni fejn apparti spettaklu ta' fuq il-palk, ingħataw diversi rikonoxximenti lil residenti li ddistingwew ruħhom matul is-sena. Matul din l-attività l-Premju Ġieħ Birżebbuġa ingħata lil Brigadier Jeffrey Curmi.

**Ħidma fil-Qasam Soċjali**

Bħala parti mix-xogħol f'dan il-qasam, il-Kunsill ħa ħsieb li tingħata titqiba kontra l-influwenza. Din is-sena il-Kunsill ta' mas-700 titqiba lil persuni eliġibbli.

Ġiet organizzata ukoll *Career Day* fejn ir-residenti Birżebbuġin ingħataw l-opportunità li jiltaqaw direttament ma' min iħaddem, bil-għan li l-Birżebbuġin jingħataw opportunità ta' xogħol.

Ta' kull xahar il-Kunsill jieħu ħsieb li jawgura wkoll lil persuni li jgħalqu żmienom.

**Ħidma Internazzjonali**

Din is-sena l-Kunsill embarka wkoll fuq proġett ġdid, bl-għan li jkompli jinvesti fil-Lokalità. Dan huwa iffirmar ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni mal-belt ta' Ping Tan, Provinċja ta' Fujian, China. Dan il-ftehim beda jsarraf diġà l-frott tiegħu, hekk kif matul din is-sena, parti miċ-Chinese Film Festival saret fil-Bajja s-Sabiħa, sar spettaklu ta Kultura Ċiniża fl-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa, u tnieda kors bażiku tal-lingwa Ċiniża. Il-Kunsill kien rappreżentat ukoll

permezz tas-Sindku ġewwa ċ-Ċina għal-Summit ta diversi mexxeja minn madwar id-Dinja. Il-Kunsill biħsiebu ikompli jkattar dan il-ftehim, permezz ta' iktar attivitajiet konġunti.

**Ħidma fi Proġetti Kapitali**

Għalkemm kien ristrett milli jwettaq proġetti kapitali, il-Kunsill komla jaħdem bla waqfien fl-ippjanar għall-proġetti varji sabiex jitwettqu fiż-żmien li ġej. Fost dawn insibu diversi proġetti li jaffetwaw immaniġjar ta' traffiku, bl-introduzzjoni ta divrsi *traffic calmng measures* u *roundabouts* f'numru ta' salib it-toroq għal iktar siġurtà fit-toroq. Qed jiġi ppjanat ukoll disinn ġdid ta' parkeġġ għal Dawret Qalb Imqaddsa faċċata tal-klabb tal-Waterpolo.

Matul dawn l-aħħar xhur il-kunsill ikkonkluda ukoll proġett ta' asfaltar ta' Triq Gużeppi Despott, li kien proġett parzjalment iffinanzjat mir-Reġjun Nofsinhar, kif ukoll qied jikkonkludi proġett ta' stallazjoni ta' *bike racks*, proġett iffinanzat mill-Ministeru għall-Finanzi.

Il-Kunsill kompla jaħdem id f'id mal-Uffiċju tal-President fejn ġew konklużi id-diskussjonijiet li jirrelataw mal-bini ta' Skate Park, ħolma tal-Kunsill Lokali li isser ser naraw timmaterjalizza ruħa fix-xhur li ġejjin.

Matul din is-sena, saru ukoll taħdidiet varji sabiex jinbena *All Inclusive Park*, li huwa spazju rikreattiv b'differenza, intenzjonat għal iktar inklussività.

L-ikbar proġett allokat għar-raħal ta' Birżebbuġa huwa dak ta' rijabilitazzjoni, li qed jiġi ikkoordinat mill-*Grand Harbour Regeneration Project (GHRC)*. Diskussjonijiet dwar dan qegħdin fi stadju avvanzat, hu parti minnu hija intenzjonata li tibda dalwaqt. Dan ser ikun jinkludi rijabilitazzjoni ta' Triq San Patrizju, l-prominade ta' Wied il-Buni, u l-ispazju ta' parkeġġ ta l-istess żona.

**Introduzzjoni ta' Bye-Laws**

Matul din is-sena, il-Kunsill ħadem f'dan il-qasam, u ippropona numru ta' *Bye-laws*. Dawn kienu intenzjonati sabiex jilħqu diversi miri, fostom żieda fid-dħul tal-Kunsill permezz ta' Bye-Laws li jirregolaw l-Użu tal-Faċilitajiet tal-Kunsill u Attivitajiet fil-Piċċ tar-Ramel, u Kontroll ta' Apparat fil-Bajja s-Sabiħa.

Sabiex inżidu iktar sigurtà u kontroll fil-lokalità, saret proposta ta' *bye-law* ukoll dwar konsum tal-alkoħol fi fliexken tal-ħġieg f'postijiet pubbliċi. Se tkun qed tiġi iffinalizzata ukoll Bye-Law dwar Kontroll ta' Ħamiem

Fl-istess waqt saret proposta ta' emenda għal Bye-Law eżistenti dwar żoni esklussivi għal Barbecues, bil-għan pli l-pubbliku jkun moqdi aħjar, b'iktar spazju u faċilitajiet.

Ser jiġu proposti iktar bye-laws fix-xhur li ġejjin, fejn il-Kunsill dejjem iżomm f'moħħu l-interess tal-komunitajiet ta' Birżebbuġa.

## 2.3 L-Organizzazjoni

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, u l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, flimkien ma diversi kumitati u sotto kumitati.

L-Uffiċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi, u Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Ghalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din issib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta kull min hu involut fil-Kunsill, mis-Sindku ul-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun defenit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsilliera bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal lokalita',u min hemm l-Amministratur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċju Amminsitrattiv, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien, mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-Objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali, l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill, u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta spiża possibli.



## 2.4 Servizz tar-relazzjonijiet mar-Residenti / Klijenti

### L-Uffiċju Amministrattiv

L-irwol tal-Uffiċċju Amministrattiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali, huwa li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill jiġu attwati.

L-amministrazjzoni taħt id-direzzjoni tas-Segretaru Eżekuttiv hija l-ewwel kuntatt bjen il-ir-resident u l-Kunsill. L-amministrazjzoni tieħu ħsieb li tipproċessa s-suġġerimenti u l-ilment li ċ-ċittadin jogħgbu iwassal, u fejn ikun possibli, jittieħdu id-deċizjonijiet, sabiex b'hekk il-Kunsill kollhu ikun iktar effettiv u effiċjenti. L-Uffiċju Amministrattiv jara jiehu hsieb ukoll ix-xiri u l-kuntratti kollha tal-Kunsill, biex b'hekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħti is-servizzi meħtieġa.

Illum nistgħu nghidu li l-Kunsill gandu Uffiċju effiċenti, b'sistemi u proċeduri fissi, u fejn tintuża teknoloġija moderna, li tirrifletti professjonalita u l-klijent ikun moqdi aħjar.

### Impjegati tal-Kunsill

L-istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka id-dettalji kollha tax-xgħol li jsir. Hafna minn dan ix-xogħol isir minn wara l-kwinti, xogħol li jinbena, ikun ppreparat, u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabilta kollha.

Ta dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill.

### Djalogu u Komunikazzjoni

Il-Kunsill jemmen fid-djalogu u komunikazzjoni sħiħa mar-residenti. Jintużaw mezzi differenti bil-għan li l-messaġġ jintlaħaq minn l-ikbar ammont ta nies possibbli. Fost dawn il-mezzi wieħed isib il-mezzi elettroniċi bhall siti soċjali Facebook, Twitter, il-paġna uffiċjali tal-Kunsill (www.lc.gov.mt) u il-paġna www.birzebbugalc.com li ġiet aġġornata għal verżjoni iktar friska fix-xhur li għaddew. Il-Kunsill ixandar il-laqgħat kollha online permezz ta sistema ta *live streaming* biex b'hekk ir-resident ikollu iċ-ċans li jsegwi il-laqgħat tal-Kunsill mill-

kumdita ta daru. Il-Kunsill ixerred il-messaġġ tiegħu ukoll permezz ta mezzi tradizzjoni bhall magazine li jitqassmu lir-residenti bieb bieb, regolarment. Fl-istess waqt, il-Kunsill joffri servizz ta Customer Care kulljum bejn 7.45am u l-2.00pm

## 2.5 Konklużjoni

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta Birżebbuġa għal din is-sena, liema ħidma setgħat issir biss bil-membri tat-team kollu tal-Kunsill. Ta dan nieħu l-opportunita sabiex nirringrazzja lil-Amministrazzjoni tal-Kunsill, li huma l-mutur wara ix-xogħol li jitwettaq ta' kulljum, lis-Sindku, Lil-Viċi Sindku u lil Kunsilliera, kif ukoll li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qed jagħtu kontribut kemm lil-Kunsill kif ukoll lil-Lokalita'.

***Iffirmat***

Svetlick J Flores
Segretarju Eżekuttiv

***Iffirmat***

Joseph Cutajar
Sindku

# 3.0 Il-Varjazzjoni fid-Dħul u fl-Infiq

(Informazzjoni estratta mill-Financial Statements 2017)

## 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

### Statement of Income and Expenditure

| | Notes | 2017 € | 2016 € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | 805,198 | 743,079 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 4 | 1,434 | - |
| Income raised under Local Enforcement System | 5 | 8,055 | 7,206 |
| General Income | 7 | 30,423 | 38,132 |
| | | 845,110 | 788,417 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 8 | (138,083) | (127,562) |
| Operations and maintenance | 9 | (275,825) | (283,173) |
| Administration and other expenditure | 10 | (282,472) | (311,212) |
| | | (696,380) | (721,947) |
| **Operating profit for the year** | | 148,730 | 66,470 |
| Finance income | 6 | 118 | 76 |
| **Profit for the year** | | 148,848 | 66,546 |
| **Total comprehensive income** | | 148,848 | 66,546 |

## Statement of Affairs

| | Notes | 2017<br>€ | 2016<br>€ |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 12 | 1,814,081 | 1,979,711 |
| Intangible assets | 11 | 2,310 | 3,074 |
| | | 1,816,391 | 1,982,785 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 13 | 114,942 | 107,782 |
| Cash at bank and in hand | 14 | 452,174 | 246,460 |
| | | 567,116 | 354,242 |
| **Total Assets** | | 2,383,507 | 2,337,027 |
| **RESERVES** | | | |
| Retained earnings | | 1,525,439 | 1,376,591 |
| **Total reserves** | | 1,525,439 | 1,376,591 |
| **Non-Current Liabilities** | | | |
| Long-term borrowings | 16 | 27,658 | 140,918 |
| Non-current Deferred Income | 17 | 331,798 | 353,904 |
| | | 359,456 | 494,822 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 15 | 106,821 | 93,778 |
| Short-term borrowings | 16 | 391,791 | 371,836 |
| | | 498,612 | 465,614 |
| **Total Liabilities** | | 858,068 | 960,436 |
| **Total reserves and liabilities** | | 2,383,507 | 2,337,027 |

## Statement of Changes in Equity

| | Retained Funds | Total |
|---|---|---|
| | € | € |
| **At 1 January 2016** | 1,310,045 | 1,310,045 |
| Profit for the year | 66,546 | 66,546 |
| Other comprehensive income | - | - |
| Total comprehensive income | 66,546 | 66,546 |
| **At 31 December 2016** | 1,376,591 | 1,376,591 |
| **At 1 January 2017** | 1,376,591 | 1,376,591 |
| Profit for the year | 148,848 | 148,848 |
| Other comprehensive income | - | - |
| Total comprehensive income | 148,848 | 148,848 |
| **At 31 December 2017** | 1,525,439 | 1,525,439 |

## Cash Flow Statement

| | Note | 2017 € | 2017 € | 2016 € | 2016 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash flow from operating activities** | | | | | |
| **Net profit for the year** | | 148,848 | | 66,546 | |
| Reconciliation to cash generated from operations: | | | | | |
| Depreciation | | 194,182 | | 212,178 | |
| Amortisation | | 764 | | 784 | |
| Loss on disposal and write offs of property plant and equipment | | 502 | | 289 | |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | | (931) | | (384) | |
| Interest receivable | | (118) | | (76) | |
| Operating surplus before working capital changes | | 343,247 | | 279,337 | |
| Decrease/ (increase) in receivables | | 276 | | (896) | |
| Increase in other receivables | | (6,489) | | (5,327) | |
| Increase in payables | | 19,165 | | 15,131 | |
| Decrease in other payables | | (3,082) | | (13,981) | |
| Government grant released | | (39,737) | | (42,882) | |
| Cash generated from operating activities | | | 313,380 | | 231,382 |
| **Cash flow from investing activities** | | | | | |
| Interest received | | 118 | | 76 | |
| Purchase of intangible fixed assets | | - | | (1,361) | |
| Purchase of property, plant & equipment | | (29,054) | | (42,483) | |
| Grants received | | 14,575 | | 43,609 | |
| Cash used in investing activities | | | (14,361) | | (159) |
| **Cash from financing activities** | | | | | |
| New short term related party borrowings | | - | | 4,323 | |
| Repayment of short term related party borrowings | | (4,217) | | - | |
| Repayment of short term third party borrowings | | (85,602) | | (85,602) | |
| Cash used in financing activities | | | (89,819) | | (81,279) |
| **Net increase in cash in the year** | | | 209,200 | | 149,944 |
| Cash and equivalents at beginning of year | | | 238,803 | | 88,859 |
| **Cash and equivalents at end of year** | 14 | | 448,003 | | 238,803 |